MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

**Seduta tat-23 ta' Novembru, 2016**

Rikors Maħluf Numru: 552/16LM

**Banif Bank (Malta) plc (C41030)**

**vs**

**Raymond Abela K.I. numru 134159M u**
**Maria Helga Muscat K.I. numru 394868M**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fis-16 ta' Lulju, 2016 mis-soċjetà attriċi **Banif Bank (Malta) plc** (minn issa "s-soċjetà attiċi") li jaqra kif ġej:

*1. Illi l-kumpannija esponenti hi bank kummerċjali liċenzjat taħt il-Liġijiet ta' Malta biex fost l-oħrajn issellef flus lill-klijenti tagħha;*

*2. Illi l-konvenuti huma klijenti tal-kumpanija esponenti u ħadu mingħandha faċilitajiet ammontanti għall-erbgħin elf Euro (€40,000), permezz ta' Credit Agreement datat 18 ta' Marzu, 2013 (ara Dok. 'A') u żewġ kuntratti pubblikati fl-atti tan-Nutar Dottor Reuben Debono fit-2 ta' Mejju, 2013 (ara Dok. 'B' u Dok. 'C'), liema faċilitajjiet jikkonsistu fis-segwenti:*

*a. Business Loan – ħamsa u għoxrin elf Euro (€25,000), u*
*b. Business Overdraft – għaxart elef Euro (€10,000), u*
*c. Credit Card – ħamest elef euro (€5,000);*

*3. Illi l-konvenuti naqsu milli jħallsu lura dawn l-faċilitajiet u konsegwentement, l-ammonti dovuti minnhom, huma kif ġej:*

*a. erbgħa u għoxrin elf, sitt mija u disat Euro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (€24,609.28), dovuti fuq il-Business Loan. Dan l-ammont jinkludi imgħaxijiet t'elf, mitejn u tmien Euro u disgħa u tmenin ċenteżmu (€1,208.89), ikkalkulati sal-21 ta' Ġunju, 2016 u jikkonċerna Loan Account numru 341797.71.1 (ara Dok. 'D'), u*

*b. tnax-il elf, mija u tmienja u tletin Euro u tmienja u tletin ċentezmu (€12,138.38), dovuti fuq il-Business Overdraft. Dan l-ammont jinkludi imgħaxijiet ta' sebgħa u sittin Euro u sitt ċentezmi (€67.06) ikkalkulati sal-21 ta' Ġunju, 2016 u jikkonċerna Current Account numru 353957.10.2 (ara Dok. 'E'), u*

*c. seba' mija u seba' Euro u tnejn u tletin ċentezmu (€707.32), dovuti fuq il-Credit Card. Dan l-ammont jinkludi imgħaxijiet ta' żewġt Euro u tlieta u disgħin ċenteżmu (€2.93), ikkalkulati sal-21 ta' Ġunju, 2016 u jikkonċerna Credit Card Account numru 4196 8060 0002 6324 (ara Dok. 'F');*

*4. Illi l-ammonti fuq imsemmija, saru dovuti fl-intier tagħhom mill-konvenuti lill-kumpannija esponenti ai termini t'artikolu 12 tal-Credit Agreement markat Dok. 'A' u dan għax kif jistipula dan l-Artikolu, seħħew waħda jew aktar mill-events of default imsemmijin fil-Credit Agreement, partikolarment, iżda mhux esklussivament:*

*"a. Default by the Borrower/s in the payment of any amount of principal, interest, fees, charges due for payment in the manner stipulated in the agreement regulating the Facility,*

*b. The Borrower/s committing any other breach of or omitting to observe any other of the obligations and undertakings as expressed to be assumed by it in the agreement regulating the Facility,*

*n. Any other event which in the Bank's reasonable opinion gives grounds for belief that the Borrower/s may not perform all or any of the obligation/s under or otherwise comply with the terms of the agreement regulating the Facility";*

*5. Illi inoltre, l-konvenuti għandhom iħallsu lill-kumpannija esponenti spejjeż bankarji relatati mad-dejn tagħhom fuq il-Current Account numru 353957.10.1 li l-konvenuti għandhom mal-kumpannija esponenti (ara Dok. 'G'), hemm dovuti sitt mija u tlieta u disgħin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€693.94), li jinkludu imgħaxijiet ta' tliet Euro u tlieta u tmenin ċentezmu (€3.83), kalkulati sal-21 ta' Ġunju, 2016 (ara Dok. 'H');*

*6. Illi dawn l-ispejjeż saru dovuti fl-intier tagħhom in virtù t'Artikolu 5 tat-Terms and Conditions (ara Dok. 'I') u t'Artikolu 6 tal-Conditions of Use (ara Dok. 'J') relattivi għall-istess Current Account;*

*7. Illi in vista tas-suespost, l-ammont komplessiv dovut mill-konvenuti sal-21 ta' Ġunju, 2016, kien ta' tmienja u tletin elf, mija u tmienja u erbgħin Euro u tnejn u disgħin ċenteżmu (€38,148.92);*

*8. Illi l-kumpannija esponenti ittentat tinterpella lill-konvenuti diversi drabi biex iħallsu dejnhom, fosthom permezz ta' ittri legali datati 31 ta' Lulju, 2014 u 8 ta' Lulju, 2015 (ara Dok. 'K' u Dok. 'L') u ittra uffiċjali numru 3390/2015, ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (ara Dok. 'M'). Di konsegwenza, l-konvenuti baqgħu inadempjenti u kien proprju għalhekk li l-ftuħ ta' din il-kawża sar neċessarju;*

*9. Illi l-kreditu tal-kumpannija esponenti huwa ċert, likwidu u dovut u l-konvenuti m'għandhomx eċċezzjonijiet x'jagħtu f'dan ir-rigward kontra t-talbiet tal-kumpannija esponenti;*

*10. Illi għalhekk jeżistu l-elementi kollha rikjesti mil-Liġi a tenur tal-Artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Għaldaqstant u għar-raġunijiet fuq premessi, l-kumpanija esponenti titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

*1. taqta' u tiddeċiedi dina l-kawża bid-dispensa tas-smigħ, ai termini tal-Artikoli 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u*

*2. tiddikjara li l-konvenuti saru debituri solidalment bejniethom tal-kumpannija esponenti fl-ammont ta'€38,148.92; u*

*3. tikkundanna lill-konvenuti jħallsu solidalment bejniethom lill-kumpannija esponenti l-ammont ta' €38,148.92*

*Bl-ispejjeż, bank charges u fees u bl-imgħaxijiet mill-21 ta' Ġunju 2016 sad-data tal-pagament effettiv.*

*1. Il-bank charges u fees għandhom jinħadmu kif ġej:*

*a. kwantu Loan Account numru 341797.71.1, ai termini tal-Credit Agreement markat Dok. 'A', u*

*b. kwantu Current Account numru 353957.10.2, ai termini tal-Credit Agreement markat Dok. 'A' u tat-Tariff of Charges relattivi għall-Current Accounts (ara Dok. 'N'), u*

*c. kwantu Credit Card Account numru 4196 8060 0002 6324, ai termini tal-Credit Agreement markat Dok. 'A' u kif ukoll il-Conditions of Use (ara Dok. 'O') u t-tariff of Charges (ara Dok. 'P') relattivi għall-Credit Cards, u*

*d. kwantu l-ammont dovut fuq Current Account numru 353957.10.1, ai termini tat-Terms and Conditions markati Dok. 'I', tal-Conditions of Use immarkati Dok. 'J' u t-Tariff of Charges relattivi għall-Current accounts (ara Dok. 'N');*

*2. L-imgħaxijiet għandhom jinħadmu kif ġej:*

*a. bir-rata ta' għaxra fil-mija (10%) kwantu l-ammont dovut fuq Loan Account numru 341797.71.1 u dan ai termini tal-Artikoli 4 u 12 tal-Credit Agreement markat Dok. 'A', u*

*b. bir-rata ta' tmienja punt tnejn ħamsa fil-mija (8.25%) fis-sena fuq l-ammont dovut fuq il-Credit Card Account numru 4196 8060 0002 6324, u dan ai termini tat-Tariff of Charges markati Dok. 'P' (ara markar bl-aħdar fuq dan id-dokument), u*

*c. bir-rata ta' għaxra fil-mija (10%) fis-sena fuq l-ammonti dovuti fuq Current Accounts numri 353957.10.2 u 353957.10.1 u dan ai termini tat-Tariff of Charges markata Dok. 'N' (ara marker bl-ahdar fuq dan id-dokument).*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti mis-soċjetà attiċi.

Illi l-konvenuti **Raymond Abela u Maria Helga Muscat** (minn issa "l-konvenuti") għad li kienu debitament notifikati bir-Rikors Maħluf, ma dehrux waqt l-udjenza tas-16 ta' Novembru, 2016 biex jgħidu jekk kellhomx eċċezzjonijiet x'jagħtu kontra t-talbiet tas-soċjetà attriċi.

Semgħet ix-xhieda ta' **Luke Bonello**[1], rappreżentant tas-soċjetà attriċi li kkonferma illi fil-mori tal-kawża kien sar ħlas akkont mill-konvenuti fis-somma ta' elf, mitejn u ħamsin euro (€1,250) u għalhekk l-ammont komplessiv mitlub mis-soċjetà attriċi naqas għal sitta u tletin elf, tmien mija u tmienja u disgħin

[1] A fol. 56 tal-proċess.

Euro u tnejn u disgħin ċenteżmu (€36,898.92), oltre l-imgħaxijiet, *bank charges* u *fees* u l-ispejjeż legali.

Rat in-nota ta' riduzzjoni ppreżentata fir-Reġistru fis-17 ta' Novembru, 2016[2] mis-soċjetà attriċi, fejn irriduċiet is-sorte għall-ammont ta' sitta u tletin elf, tmien mija u tmienja u disgħin euro u tnejn u disgħin ċenteżmu (€36,898.92ċ) oltre l-ispejjeż legali, l-imgħaxijiet, *bank charges* u *fees*.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-16 ta' Novembru, 2016 fejn il-kawża tħalliet għall-udjenza tal-lum għas-sentenza.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:**

1. **Taqta' u tiddeċiedi dina l-kawża bid-dispensa tas-smigħ, ai termini tal-Artikoli 167 *et sequitur* tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;**

2. **Tiddikjara li l-konvenuti saru solidalment bejniethom, debituri tas-soċjetà attriċi fl-ammont ta' sitta u tletin elf, tmien mija u tmienja u disgħin Euro u tnejn u disgħin ċenteżmu (€36,898.92); u**

[2] A fol. 57 tal-proċess.

3. **Tikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom iħallsu lis-soċjetà attriċi l-ammont komplessiv ta' sitta u tletin elf, tmien mija u tmienja u disgħin Euro u tnejn u disgħin ċenteżmu (€36,898.92).**

**Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet mill-21 ta' Ġunju, 2016 sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti.**

Moqrija.